**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Omissis**
**Ans Abdullah Algheziwi**

**Kumpilazzjoni Numru 552/2014**

**Illum 28 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Ans Abdullah Algheziwi** detentur ta' passaport Libjan numru 14462M, u **omissis** billi huma akkuzati talli:

Lil Omissis wahdu:

1. Akkuzat talli fis-Swieqi u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar il-5 ta' Gunju 2014, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Louise Charlotte Beerblock ta' 18-il sena;
2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Louise Charlotte Beerblock ta' 18-il sena;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi naqas li jidher ghall-ordni tal-awtorita msemmija fl-obligazzjonijiet tal-garanzija hekk kif imposti fuqu b'digriet minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera jew naqas milli josserva xi kondizzjonijiet imposti mill-istess Qorti fid-digriet taghha tal-helsien mill-arrest.
4. Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest u tordna li omissis jerga' jigi arrestat mill-gdid ai termini ta' Artikolu 579(3).

Lil <u>Ans Abdullah Alghziwi</u> wahdu:

1. Akkuzat talli wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta' Louise Charlotte Beerlock ta' 18-il sena.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovi ghas-sigurta' ta' Louise Charlotte Beerblock jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Louise Charlotte Beerblock jew sabiex tinzamm l-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tobbliga lill-imputati b'obbligu msahhah bi pleggerija.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz kien hemm separazzjoni tal-gudizzju ghaliex il-ko-akkuzat li kellu l-aktar akkuzi serji fil-konfront tieghu jidher li harab mill-pajjiz.

Illi mill-process irrizulta li l-imputat odjern kellu sehem zghir f'dak li gara fl-appartament fejn numru ta' irgiel kellhom x'jaqsmu mat-tfajla u tnejn minnhom kienu mixlija b'dak li sehh kontra l-volonta' taghha. It-tfajla kienet fl-appartament bil-volonta' taghha.

L-unika rabta li kien hemm bejn l-imputat u l-kaz kien rizultat ta' DNA.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu, li hija wahda nadifa. Il-Qorti tat kaz ukoll li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u difiza dwar il-piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Ghaldqstant din il-Qorti wara li rat Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-akkuza migjuba kontra l-imputat issibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tikkundanna lill-imputat  Ans Abdullah Algheziwi tliet (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

Finalment tordna li isem u kunjom tal-vittma m'ghandhomx jigu pubblikati f'xi mezz tax-xandir jew tal- istampa u lanqas fuq l-internet u dan fl-interess tal-istess vittma.

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Margaret De Battista**

**Deputat Registratur**